**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2017

Talba Numru: 750/2014 AM3

Numru fuq il-Lista:

**Albert FS Manduca Limited (C247)**

**229/230 St. Paul Street,**

**Valletta VLT 09**

**Vs**

**Marisa Tonwuru (I.D. 434368M)**

**6 Mark's Flat 2,**

**Triq Gwakkin Shcembri,**

**Qormi**

**u bid-digriet ta' nhar l-04 ta' Frar, 2016 gie kjamat in kawza 'Timothy Tonwuru' vide verbal ta' nhar l-04 ta' Frar, 2016 a fol 45 tal-process odjern f'din it-talba.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tat-talba prezentat mis-Socjeta' attrici fl-14 ta' Novembru, 2014 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici qed titlob minghand l-konvenuta s-somma ta' disa' mija u hdax-il ewro u hames centezmu (€911.05c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet a fol 11 et li hija mhux l-legittimu kontradittur u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet tas-Socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra x-xhieda ta' Joseph Aquilina a fol 16 et li permezz taghha xehed li huwa Sales Manager fi hdan is-Socjeta' attrici u li f'Lulju, 2006 infetah kont f'isem il-konvenuta u sas-sena 2009 l-pagamenti kienu jsiru regolarment. Dan il-kont ma baqghax attiv bejn 2009 u Gunju, 2011 sakemm minn Gunju, 2011 bdew jergghu jsiru l-ordinijiet izda kienet ingibdet l-attenzjoni taghhom li l-konsenja kellha ssir ghall-attenzjoni ta' certu Timothy Tonwuru izda l-kont kien ser jibqa f'isem il-konvenuta. L-ordnijiet bdew isiru b'mod regolari mill-gdid u f'Lulju, 2012 kien l-ahhar pagament li sar akkont. Is-salesman taghhom li kien qed imur fil-hanut in kwistjoni saiex jigbor il-hlasijiet wara Lulju, 2012 wara xi zmien sab dan il-hanut maghluq. Huwa kkonferma li s-Socjeta' attrici qatt ma rceviet l-ebda kommunikazzjoni sabiex il-kont jinghalaq jew li jigi trasferit ghal fuq xi persuna ohra. Huwa kkonferma li r-rendikont tal-ammont dovut huwa dak esebit a fol 2 u pprezenta l-fatturi li jirrigwardaw din l-kawza. Bejn is-sena 2006 u 2009 l-pagamenti kienu jsiru b'mod regolari u ghalhekk il-frekwenza tal-pagamenti kienu l-istess bhal meta kien isir id-delivery. Wara Gunju, 2011 ma baqghux isiru aktar pagamenti.

In kontro-ezami x-xhud kkonferma li l-konsenja kienet issir fil-hanut ta' San Pawl il-Bahar u li ebda ittra interpellatorja ma intbaghatet lill-konvenuta biex thallas pero' rendikonti tal-ammont dovut fl-istabiliment ta' Hal Qormi wara Lulju, 2002 kienu jintbaghatu. Minn Gunju, 2011 kienu jsiru xi pagamenti 'on consignment' pero' wara ma baqghux isiru.

Huwa rega xehed a fol 31 u pprezenta t-'transaction history' ghal kont li kien registrat f'isem il-konvenuta. Huwa kkonferma li sa Settembru, 2009 l-hlas ghal-merkanzija kienet issir mal-konsenja u ghalhekk ma hemmx bilanc dovut. Meta ma jsirx il-hlas mal-konsenja huma kienu jesigu firma u pprezenta l-fatturi li juru dan u pprezenta wkoll 'sample documents' li juru meta jsir il-hlas mal-konsenja.

In kontro-ezami Aquilina xehed li ma jafx min kien ihallas meta kienet issir il-konsenja.

A fol 46 l-istess xhud kompla jixhed, u wara li ghamel il-verifiki huwa spjega li meta kienu jsiru l-pagamenti dawn kienu jsiru cash. Huwa pprezenta rendikont dettaljat tal-pagamenti li saru u tal-ircevuti li hareg u kkonferma li l-ircevuta kienet tohrog favur Patfinder Confectionery. Huwa spjega li huma hadu passi kontra l-konvenuta ghax l-kont kien infetah f'isimha.

A fol 62 l-istess xhud Joseph Aquilina pprezenta affidavit li spjega s-segwenti: li l-kont infetah f'Lulju, 2006 f'isem l-konvenuta Maria Tonwuru; li 'statements of account' dejjem intbaghtu fl-indirizz taghha gewwa 6 Mark's Flat 2, Triq Dun Gwakkin Schembri, Hal-Qormi u hija qatt ma lmentat maghhom li l-kont mhux taghha; li l-konvenuta kienet

tordna sa mill-bidunett il-merkanzija (wholesale) ghal hanut u kienet puntwali fil-hlas izda minn Gunju, 2011 l-hlas ma baqghax isir regolarment u kienu jsiru xi pagamenti. Min kien ikun l-hanut minn Gunju, 2011 ix-xhud wiegeb li ma jafx.

In kontro-ezami fol 107 et Joseph Aquilina xehed li huma qatt ma gew infurmati mill-konvenuta li hija ma ghandha x'taqsam xejn ma' dan il-kont ghalkemm l-ittri ntbaghatu lilha pero' rega kkonferma li l-konsenji dejjem saru fil-hanut ta' San Pawl il-Bahar u l-contact person kien il-kjamat in kawza u mhux il-konvenuta. Dwar min kien ghamel xi pagamenti huwa ma setghax jghid min ghamilhom.

In ri-ezami huwa kkonferma li qatt ma kien hemm talba biex l-account jinbidel.

A fol 45 dan it-Tribunal laqa' it-talba tal-konvenuta sabiex jigi kjamat in kawza Timothy Tonwuru u a fol 57 et huwa eccepixxa li t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili u li bla pregudizzju ghas-suespost t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

A fol 60 s-Socjeta' attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.

A fol 64 et fl-affidavit taghha l-attrici tispjega li hija u l-kjamat in kawza kienu ghaddejjin fi proceduri ta' separazzjoni u z-zewgt ihwienet li kellhom kienu qed jigu gestiti mill-kumpanija The Pathfinders Company Limited. Hija tghid li zewgha kien qed jiggestixxi huwa l-hanut ta' San Pawl il-Bahar u fi zmien meta l-partijiet kienu separati de facto. Hija tghid li mis-sena 2011 hija ma ghamlet ebda ordni lis-Socjeta' attrici u ghall-ordnijiet li saru sas-sena 2009 hija ma tiftakarx li ghamlet tali ordnijiet hi. Hija spjegat li lanqas il-vat number li kien qed jintuza ma kien la taghha jew tal-kumpanija Pathfinders Company Limited u hija tikkontendi li dan kien il-vat number ta' zewgha.

Hija tosserva li l-invoices esebiti mis-Socjeta' attrici minn fol 21 sa fol 28 jidhru li thallsu cash u jsejhu lil zewgha u jirrigwardaw l-hanut ta' San Pawl il-Bahar u jirrigwardaw vat numru 1980-0334 li fil-fehma taghha huwa l-vat numru ta' zewgha. F'dan ir-rigward hija esebiet sentenza moghtija mil-Qorti tal-magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Timothy Tonwuru Oyinperemobode deciza fil-11 ta' Ottubru, 2012 li fiha instab hati li uza vat numru differenti.

Hija ghalhekk terga tikkontendi li l-invoices mahruga mis-Socjeta' attrici bejn Gunju u Awwissu tas-sena 2011 jirreferu ghal ordnijiet ta' xoghol li ordna l-kjamat fil-kawza zewgha. Dan jikkonfermaw zewgha stess fil-kawza ta' separazzjoni u pprezenta t-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija minn fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2015 fl-istess kawza.

Dwar il-kont li s-Socjeta' attrici zammet miftuh fuq isimha hija xehdet li ma tistax tifhem kif dan inzamm miftuh meta hija ghamlet zmien twil ma taghmel ebda ordni u kienet ilha mis-sena 2009 ma taghmel ebda ordni. Meta l-kjamat fil-kawza zewgha beda jaghmel l-ordnijiet fis-sena 2011 dawn ghamilha fuq hanut gestit minnu u fuq vat

number personali tieghu. Hija spjegat li l-proceduri ta' separazzjoni bejnha u bejn l-kjamat in kawza bdew fis-sena 2010 u fit-30 ta' April, 2015 l-Qorti Civili (sezzjoni tal-familja) xoljiet il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom.

In kontro-ezami fol 114 et il-konvenuta spjegat li l-hanut ta' San Pawl il-Bahar damet tiehu hsiebu mis-sena 2006 sas-sena 2009. Veru li l-invoices hargu fuq isimha izda l-ordnijiet mhux hi ghamlithom u lanqas irceviethom. Hija kkonferma li mis-sena 2009 sallum hija qatt ma ghamlet ordni mas-Socjeta' attrici. Hija kkonferma li mis-sena 2006 sas-sena 2009 kien hemm id-dettalji taghha mas-Socjeta' attrici u instructions lis-Socjeta' attrici biex ibidlu l-isem fuq l-kont hija ma taghtx.

A fol 112 l-kjamat in kawza ddikjara li ma ghandux aktar provi.

Il-partijiet ghalqu l-provi u ttrattaw il-kawza.

It-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda kollha u d-dokumenti kollha prodotti f'din il-kawza.

Ikkunsidra:

Li l-ammont pretiz mis-Socjeta' attrici huwa ghal perjodu minn Gunju, 2011 sa Lulju, 2012. Jirrizulta wkoll li fol 21 l-invoice/delivery note harget fuq l-kjamat in kawza datata 15 ta' Settembru, 2011 u thallset cash; dik tat-28 ta' Dicembru, 2011 a fol 22 l-istess; filwaqt li l-invoices kollha msemmija Dok A a fol 2 jirrizulta li l-invoices ukoll hargu fuq l-kjamat in kawza u l-ordni giet konsenjata fl-istess hanut tal-confectionery cioe' Pathfinder Confectionery, gewwa Mosta Road San Pawl il-Bahar izda din id-dar ebda hlas ma sar. Kollha pero' ghandhom bhala numru tal-vat numru 1980-0334 u referenza tal-kont ghandhom l-istess kont numru PAO21.

Minn dokument esebit mil-konvenuta a fol 77 jirrizulta car li n-numru tal-vat tal-konvenuta huwa 163-9525 u mhux dak kwotat fl-invoices mis-Socjeta' attrici kif ukoll li tali numru tal-vat jirrigwrda l-hanut tal-confectionery li hija ghandha jew kellha f'Hal Qormi.

Veru li s-Socjeta' attrici, harget l-invoices fuq min ghamel l-ordni cioe' fuq l-kjamat in kawza izda fuq kont tal-konvenuta izda kienet responsabilita' tal-konvenuta li tinforma lis-Socjeta' attrici bil-problemi matrimonjali li kienu ghaddejjin minnhom hi u zewgha u li hija ma kienetx ser taghmel tajjeb ghad-dejn li jaghmel zewgha. U dan ghaliex matul il-perjodu tal-ammont dovut cioe' minn Gunju, 2011 sa Lulju, 2012 fost il-partijiet kienet ghadha tezisti l-komunjoni tal-akkwisti tant li minn Dok MT9 a fol 100 et prezentat mill-konvenuta tali komunjoni giet xolta fit-30 ta' April, 2015 u ghalhekk ma jistax jinghad li ghal perjodu minn Gunju, 2011 sa Lulju, 2012 ma kienetx tezisti l-komunjoni tal-akkwisti.

Izda l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili jghid is-segwenti: "*Att normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti l fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.*"

F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Three Barrels Limited vs Joan Schembri et Citaz Nru 553/09 deciza fis-17 ta' Jannar, 2013:** "*bl-Artikolu 1324 tal-Kap 16 ghalhekk il-komunjoni tintrabat fil-konfront tat-terz anke meta att straordinarju jsir meta konsor wiehed biss, basta li jkun att "normali ta' gestjoni ta' kummerc." (vide ukoll Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Limited et PA per Imh Tonio Mallia deciza fid-09 ta' Ottubru, 2003). F'tali kaz it-terz kreditur jista idur fuq l-assi tal-komunjoni u in subordine jdur fuq l-peni personali ta' dak biss fost l-konjugi li ghamel in-negozju u indahal fir-responsabilita' kontrattwali diretta. Il-mara, il-konvenuta f'din l-kawza, hija responsabbli sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet jircevi applikabilita' id-dispost tal-Artikolu 1324 ghal kaz odjern li ghandha tikkonduci biex jigi ritenut li f'kaz ta' l-obbligazzjoni assunta mil-konvenut Martin Schembri u li ghandha karattru negozjali u mhux personali ghandha twiegeb l-komujoni tal-akkwsiti u konsegwentement ukoll l-konvenuta Joan Schembri izda limitatament ghal sehma mill-assi tal-komunjoni.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Limited et kawza nru 14/02 deciza mil-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003 citata fil-precitata Sentenza Three Barrels Limited v Joan Schembri et**, gie osservat illi:

"*L-iskop tal-Artikolu 1324 hu intiz biex, fil-konfront ta' terz il-komunjoni tintrabat anke att straordinarju jsir minn konsorti wiehed biss, basta li jkun att normali" ta' gestjoni ta' kummerc. It-terz, allura ma jkollux ghalfejn kull darba li jinnegozja ma' konsorti jitlob li dan tal-ahhar igib il-parti l-ohra mieghu, ghax jaf li, bil-firma ta' parti wahda xorta wahda jkun kopert. Dan johrog car ukoll mill-ezami tal-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jghid li meta l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom in subsidium kontra l-beni paafernali tal-mizzewgin b'dan pro li jekk id-dejn in kwisjtoni (u hawn qed nitkellmu fuq djun tal-komunjoni) jinholoq mill-ezercizzju ta' negozju kif imsemmi fl-Artikolu 1324, allura l-kredituri jistghu jinfurzaw dak id-dejn in subsidium fuq l-assi parafernali biss tal-parti li holoq dak id-dejn. Dan l-Artikolu jikkonferma u fil-fatt qed jassumi li d-dejn mahluq kif imsemmi fl-Artikolu 1324 huwa dejn tal-komunjoni u huwa biss in subsidium li min holoq dak id-dejn ikun responsabbli ghalih bil-peni parafernali tieghu. Il-ligi holqot Sistema fejn qed tipprova tibbilancja l-interess ta' kull min hu interessat. Min-naha l-wahda ghandek in-negozjant li, biex imexxi n-negozju tieghu fl-interess tal-komunjoni tal-akkwiziti ma ghandux ghalfejn ikaxkar lil martu mieghu biex din takkumpanjah ghal kull att li jaghmel u t-terz jaf li avvolja qed jinnegozja*

*mar-ragal biss, warajh hemm il-komunjoni. Il-mara, ftit jew wisq qed tiehu riskju ghax tista ssib l-komunjoni mghobbija b'pizijiet ta' natura straordinarja li ghalihom ma tatx il-kunsens. Kontra dan, pero' ghandha mhux biss il-fakolta' li cahhad lil zewgha milli jkompli jamministra l-komunjoni, taht l-Artikolu 1325 tal-Kodici Civili, izda l-privilegg li tara li gidha parafernali ma jkunux jistghu jitmessu mill-krredituri tal-komunjoni u dan peress li dak l-att inholoq taht l-Artikolu 1324. Il-ligi bl-Artikolu 1324 holqot eccezzjoni ghar-regola li att straordinarju mahluq minn konsorti wiehed ma jippregudikax il-komunjoni tal-akkwisti b'dan pero li dik l-eccezzjoni ma twassalx ghall-effetti kollha tar-regola generali u cioe' li l-mizzewgin jaghmlu tajjeb in subsidium b'gidhom personali ghad-djun tal-komunjoni. Dejn maghmul ai termini tal-Artikolu 1324 jorbot lill-komunjoni tal-akkwsiti u in solidum l-beni parafernali ta' dak biss li ta lok ghal dak id-dejn. L-obbligazzjoni in kwistjoni hi, allura, mhux biss obbligazzjoni valida li holoq ir-ragel ai termini tal-Artikolu 1324 tal-Kodici Civil izda wkoll hi obbligazzjoni li torbot lill-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejn il-konjugi…"*

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li dan id-dejn ma hux tal-komunjoni tal-akkwisti u kemm-il darba llum jirrizulta li tali komunjoni ma' tezistix, tali dejn ghandu jassumih interament l-kjamat fil-kawza mill-assi parafernali tieghu.

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni:

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamat in kawza dik skont tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici tali Artikolu jiddisponi li: " l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut jaqghu bi preskrizzjoni b'dekors ta' tmintax-il xahar. Il-preskrizzjoni hija applikabbli ghal krediti ta' merkanzija mibjugha bl-imnut ghal kuntrarju ta' dik il-merkanzija mibjugha bl-ingrossa li ghaliha tapplika l-preskrizzjoni ta' hames snin.

Fit-talba de quo il-bejgh sar lil kjamat in kawza meta huwa kien qed jiggestixxi hanut. Ghalhekk hawnhekk wiehed irid jara jekk japplikax bejgh bl-imnut jew inkella bejgh bl-ingrossa. Fil-kawza Abdilla Gaetano et vs Dalli Sebastian noe (Appell Sup 4.11.2005) l-Qorti ddikjarat il-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(b) hija applikabbli ghal krediti ta' merkanzija mibjugha bl-imnut ossia bid-dettal. L-istess Qorti kkwotat l-kawza fl-ismijiet **Emanuel Micallef pro et noe f Francis Mercieca** li ccitat dak li kien inhar fir-rigward u generalment accettat f'pronunzjamenti sussegwenti mill-Imhallef Paolo Debono fis-sentenza **Attard vs Refalo (Koll. Vol. XIII.294):**

"La legge non definisce I relative concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minute, ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista del dettaghliatore e' che il primo vende per log piu' a coloro I quali commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende pero lo piu ai consumatori e in piccolo quantiat misurate dal bisogno di costoro."

Ghalhekk kif jinghad fil-gurisprudenza l-ligi ma tiddistingwix bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa l-kriterju distintiv huwa li l-grossista jbiegh l-aktar lil negozjanti ohra filwaqt li d-dettaljatur ibiegh lil konsumaturi fi kwantitajiet zghar dettati mill-bzonn li jkollhom. Din id-distinzjoni hija spjegata cara fil-kawza **Joseph Grech vs Domenico Savio Spiteri et, Appell 25 ta' Mejju, 2001;**

*"Il-ligi taghna ma taghmilx distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa. Din id-distinzjoni evolviet permezz tal-gurisprudenza fejn kien stabbilit il-kriterju distintiv ewlieni bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa infatti fejn il-prezz reklamat huwa ghal merce destinata biex terga tinbiegh jew inkella biex tinhadem f'oggett iehor (vol. XXIII.I.909) jew fejn isir bejgh lil persuni li jaghmlu negozju mill-merce mibjugha fi kwantita' apprezzabbli allura dak huwa bejgh bl-ingrossa (Borg vs Bonello et noe et Appell Civili 22 ta' Gunju 1970). Min-naha l-ohra il-bejjiegh bl-imnut 'vende per lo piu' a compratori e in piccolo quantita' misurata al bisogno di costoro (vol XXI.III.234; vol XXI.I406 u Grech vs Spiteri et Appell 25 ta' Mejju, 2001).*

Illi ghalhekk johrog car minn din l-kawza li l-kjamat ma kienx qed jixtri ghal konsum tieghu imma ghan-negozju u cioe' biex ibiegh lil terzi u ghalhekk il-bejgh sar bl-ingrossa u mhux bl-imnut u ghal dan ir-raguni l-Artikolu 2148(b) sollevat ghal konvenuta ma jista jigi applikat ghal din it-talba.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevat mill-kjamat in kawza qed tigi michuda.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' it-talba tas-Socjeta' attrici u jordna lil konvenuta u lil kjamata fil-kawza in solidum sabiex ihallsu l-ammont ta' disa' mija u hdax-il ewro u hames centezmi (€911.05c) lis-Socjeta' attrici minn fondi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u kemm-il darba huma jippruvaw li f'tali komunjoni tal-akkwisti ma hemm ebda assi, tali ammont ghandu jaghmel ghalihom esklussivament il-kjamat in kawza.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuta u tal-kjamat in kawza ghajr ghal dawk dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom biss l-kjamat in kawza.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**